

Brussell, 15 ta' Jannar 2015
(OR. en)

5262/15
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2014/0115 (NLE)

PECHE 18

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2014) 190 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jstabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe - <i>adozzjoni</i>

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Permezz tas-sentenza tagħha tal-24 ta' Novembru 2014 rigward il-kawżi konġunti C-103/12 u C-165/12 (il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni vs il-Kunsill), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/19/UE tas-16 ta' Diċembru 2011 dwar id-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat b'mod ċar li d-deċiżjonijiet relatati mal-konklużjoni ta' ftehimiet dwar sajd estern jaqgħu kompletament taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(2) TFUE (flimkien mal-proċedura applikabbli tal-Artikolu 218 TFUE, jiġifieri l-Artikolu 218(6)a(v) għad-deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni) u rrifjutat il-pożizzjoni li deċiżjonijiet bħal dawn jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 43(3) TFUE.

Għalhekk, fir-rigward tad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, il-Kummissjoni jiddispjaċiha dwar l-emenda tal-Kunsill li tissostitwixxi l-bażi legali tal-Artikolu 43(2) b'rabta mal-Artikolu 218(6)a u (7) TFUE bl-Artikolu 43 (mingħajr ma jissemma l-paragrafu) b'rabta mal-Artikolu 218(6)a u (7) TFUE.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit u l-Pajjiżi Baxxi

Ir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi jirrikonoxxu l-progress li sar fl-oqsma problematiċi fil-proposta nnegożjata reċentement għat-tiġdid tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika ta' São Tomé and Príncipe, bħall-benefiċċji għall-industrija lokali tas-sajd u d-dħul ekonomiku għall-Unjoni Ewropea. Madankollu, iż-żewġ delegazzjonijiet jiddispjaċihom li dan il-protokoll ma fih l-ebda sistema ċara ta' ġestjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni meħtieġa għall-klieb il-baħar.

Is-sajd dirett u l-qabdiet inċidentali tal-klieb il-baħar huma ta' tħassib fis-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku.

Ir-Renju Unit u l-Pajjiżi l-Baxxi ddeċidew li jastjenu u jixtiequ li l-UE tippreżenta miżuri għall-ġestjoni tal-klieb il-baħar f'waħda mil-laqgħat futuri tal-Kumitat Konġunt, skont dan il-protokoll.
